# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: L-Istudji Ewropej

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: ____**
**Akkademika**: Iva
**Vokazzjonali: _____**

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**

**L-Istudji Ewropej** joffru lill-istudenti l-opportunità li jtejbu l-għarfien tagħhom dwar l-Ewropa fid-dawl tal-firxa wiesgħa ta' kulturi, u l-perspettivi li jirriżultaw minn din id-diversità multikulturali. L-Ewropa hija studjata f'perspettiva usa', internazzjonali u globali b'referenza partikolari għad-dimensjoni Ewro-Mediterranja, id-drittijiet tal-bniedem u ċ-ċittadinanza.

**Lista ta' temi studjati:**
*a. Il-Liġi u l-Gvern*
*b. Drittijiet umani*
*ċ. Konflitti u riżoluzzjonijiet*
*d. Ċittadinanza Ewropea*
*e. Istituzzjonijiet Ewropej*
*f. L-Istat tal-Benesseri*
*ġ. L-Iżvilupp Ekonomiku Ewropew*
*g. Popolazzjoni, Demografija, Migrazzjoni u Diversità*
*għ. Turiżmu*
*h. Ambjent Ewropew*
*ħ. Patrimonju Kulturali*

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

L-attivitajiet involuti fil-klassi jinkludu diskussjonijiet, riċerka, dibattiti, kritika ta' vidjows, xogħol ta' verifika, intervisti, qari tal-mapep u statistika.

**Xogħol assenjat għad-dar:**

Esejs, riċerka, tħejjija għad-diskussjoni, ġurnali tax-xogħol ta' verifika, u preżentazzjonijiet.

**Assessjar mogħti:**
Assessjar kontinwu.

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**
*a. tekniki ta' diskussjoni*
*b. kitba ta' esejs*
*ċ. kuxjenza dwar kwistjonijiet Ewropej u soċjali*
*d. rispett lejn opinjonijiet u valuri differenti tal-multikulturaliżmu*

**Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**

*a. tekniki tal-kitba*
*b. tekniki tad-diskussjoni*
*ċ. tekniki tal-preżentazzjoni*

**Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni: Brian Chircop**

**Indirizz elettroniku**: brian.chircop@ilearn.edu.mt